**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Lulju, 2019

Rikors Nru : 72/18 AL

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet iżżewġu fis-16 ta' Dicembru 1994, u minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġt itfal ossia D li twieled fit-8 ta' Dicembru 1996 u E li twieled fit-3 ta' Lulju 1999, illum maġġiorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Dr. George Galea datat sebgħa u ghxrin [27] ta' Lulju elfejn u ħdax [2011] li kopja tiegħu qegħda tigi hawn annessa u mmarkata Dok A;

Illi ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom għall dawn l-aħħar snin mifrudin, illum huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut u dan stante li skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali [ara dok A anness klawsola numru 4] il-partijiet ddekadew [rikorrenti] u irrinunzjaw [intimat] b'mod irrevokabbli mid-dritt li jitolbu/jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi lanqas ma hemm manteniment dovut fir-rigward tat-tfal tal-partijiet stante li llum huma maggiorenni u ghandhom impjieg *full time;*

Ili dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg, ezistenti bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Frar, 2018;

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
Rat illi l-intimat, debitament notifikat ma deherx u ma pprezentax risposta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mis-27 ta’ Lulju 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;